

32007D0167

L 76/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

16.3.2007

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Marzu 2007

**li tidderoga mir-regoli dwar l-oriġini definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE, f'dak li jirrigwarda ċerti prodotti tas-sajd importati minn Saint Pierre et Miquelon**

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 834)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/167/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-baħar")<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 ta' l-Anness III tagħha,

Billi:

- (1) Fis-6 ta' Awissu 2001, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2001/657/KE li tidderoga mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" biex tqis is-sitwazzjoni speċjali ta' Saint Pierre et Miquelon fir-rigward tal-produzzjoni ta' flettijiet iffriżati tal-merluzz, tar-*redfish*, tal-barbun u tal-ħalibatt tal-kodiċi NK 0304 20<sup>(2)</sup>. Din id-deroga waslet fi tmiemha fil-31 ta' Awissu 2006.
- (2) Fit-30 ta' Novembru 2006, Saint Pierre et Miquelon applikat għal deroga ġdida, fuq tul ta' sitt snin, mir-regoli dwar l-oriġini definiti fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE. Din it-talba tirrigwarda kwantità globali annwali ta' 2 200 tunnellata ta' flettijiet iffriżati tal-ħut, ta' ħut bir-ras imneħħija, mnaddfa, iffriżati, ta' flettijiet tal-merluzz immellahh u sħiħ u tal-laħam (jew il-mili) ta' ħut iffriżat li joriġina minn pajjiżi terzi, li jiġu pproċessati f'Saint Pierre et Miquelon biex jiġu esportati lejn il-Komunità. Id-deroga ntalbet mhux biss għall-prodotti tas-sajd li kienu koperti mid-Deċiżjoni 2001/657/KE, imma wkoll għal prodotti oħra tas-sajd li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 0303, 0304 u 0305.
- (3) Saint Pierre et Miquelon ibbażat it-talba tagħha fuq l-insuffiċjenza persistenti ta' sorsi ta' forniment ta' ħut diġà ta' l-oriġini.

- (4) Huwa floku li tingħata deroga mir-regoli ta' l-oriġini kif definiti fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 0304 u NM 0305. Effettivament, id-deroga hija ġġustifikata mill-Artikolu 37(1) u (5), il-punti a) u b), ta' l-Anness imsemmi, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-iżvilupp ta' industrija lokali eżistenti, l-impatt ekonomiku u soċjali u l-qagħda partikolari ta' Saint Pierre et Miquelon. Fil-fatt, ġaladarba d-deroga tirrigwarda prodotti li jfissru pproċessar reali, sejra tgħin fl-iżvilupp ta' industrija eżistenti. Din id-deroga hija essenzjali għaż-żamma ta' l-attività tal-fabbrika kkonċernata, li tħaddem għadd kbir ta' impjegati permanenti u ta' l-istaġun. L-użu tad-deroga mogħtija fl-2001 kien baqa' baxx ħafna (108 tunnellata fl-2003, 552 tunnellata fl-2004, 356 tunnellata fl-2005 u 491 tunnellata minn Jannar sa Novembru 2006). Id-deroga għaldaqstant għandha tingħata għall-istess kwantità globali annwali bħal dik koperta mid-deroga mogħtija fl-2001, jiġifieri 1 290 tunnellata. Barra minn hekk, it-tweessigh tad-deroga għal għadd akbar ta' speċijiet minn dak kopert mid-Deċiżjoni 2001/675/KE sejjer jippermetti użu aħjar tal-kwantità li tgawdi mid-deroga.
- (5) Suġġett għal konformità ma ċerti kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kwantitajiet, u t-tul ta' żmien, id-deroga ma għandhiex tikkaġuna ħsara serja lil settur ekonomiku tal-Komunità jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri.
- (6) Mill-ekonomija ġenerali ta' l-Artikolu 37 jirriżulta li deroga mir-regoli ta' l-oriġini definiti fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE ma tistax tingħata għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0303. Fil-fatt, ma jgħinux għall-iżvilupp ta' industrija eżistenti, minħabba li huma s-suġġett ta' ħidmiet ta' kondizzjonament, li ma għandhomx il-karattru ta' attivitajiet tassew industrijali.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa ċerti dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-kodiċi doganali Komunitarju<sup>(3)</sup>, jiffissa r-regoli tal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Dawn ir-Regoli għandhom ikunu applikati *mutatis mutandis* għall-ġestjoni tal-kwantità li għaliha qed tingħata d-deroga kkonċernata.

<sup>(1)</sup> ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 231, 29.8.2001, p. 13. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/335/KE (ĠU L 107, 28.4.2005, p. 26).<sup>(3)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

- (8) Ġaladarba d-Deċiżjoni 2001/822/KE tintemm fil-31 ta' Diċembru 2011, jeħtieġ li jiġi previst li d-deroga tkompli tapplika lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2011, jekk qabel dik id-data tiġi adottata deċiżjoni dwar dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea, jew inkella jekk tiġi estiża d-Deċiżjoni 2001/822/KE.
- (9) Il-miżuri pprovduti b'din id-Deċiżjoni jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

B'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE, il-prodotti tas-sajd ipproċessati f'Saint Pierre et Miquelon li jidhru fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitqiesu li joriġinaw minn Saint Pierre et Miquelon meta jidderiwaw minn materjal mhux ta' l-oriġini, f'konformità mal-kundizzjonijiet definiti f'din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

Id-deroga pprovduta fl-Artikolu 1 tapplika għall-prodotti tas-sajd u għall-kwantità annwali li tingħata fl-Anness, li jkunu importati fil-Komunità minn San Pierre et Miquelon bejn l-1 ta' April 2007 u l-31 ta' Marzu 2013.

#### Artikolu 3

L-Artikoli 308(a), 308(b) u 308(c) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 relatati mal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji japplikaw *mutatis mutandis* għall-ġestjoni tal-kwantità msemmija fl-Anness.

#### Artikolu 4

L-awtoritajiet doganali ta' Saint Pierre et Miquelon għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex iwettqu l-kontrolli kwantitattivi applikabbli fuq l-esportazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Għal dan l-għan, iċ-ċertifikati maħruġa f'konformità ma' din id-Deċiżjoni għandu jkollhom referenza għaliha.

L-awtoritajiet kompetenti ta' Saint Pierre et Miquelon għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, kull tliet xhur, rapport tal-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu ċertifikati ta' ċirkolazzjoni EUR 1 bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni u n-numri tas-serje ta' dawn iċ-ċertifikati.

#### Artikolu 5

Ir-rubrika nru 7 taċ-ċertifikati EUR 1 ippubblikati taħt din id-Deċiżjoni għandu jkollhom wieħed min dawn li ġejjin:

— “Derogation – Decision n° ...”;

— “Dérogation – Décision n° ....”.

Għandha tindika n-Numru ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Diċembru 2011.

Madankollu, jekk tiġi adottata sistema ġdida preferenzjali minflok id-Deċiżjoni 2001/822/KEE lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2001, jew jekk is-sistema preżenti tiġi estiża, din id-deċiżjoni għandha tibqa' tapplika sad-data tat-tmiem ta' dan is-sistema l-ġdida jew tas-sistema preżenti estiża, imma fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2013.

#### Artikolu 7

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX

**Prodotti tas-sajd ipproċessati f'Saint Pierre et Miquelon**

In-numru tas-serje	Il-kodiċi NM	L-isem tal-merkanzija	Il-perjodu	Il-kwantità globali <sup>(1)</sup> (tunnellati)
09.1650	ex 0304 29	Flettijiet iffriżati tal-merluzz, <i>haddock, saithe, dab</i> , barbun, bakkaljaw, <i>redfish</i> , awrat, ħalibatt, ħalibatt ta' l-Atlantiku	mill-1.4.2007 sal-31.3.2008	1 290
			mill-1.4.2008 sal-31.3.2009	1 290
	ex 0304 99	Laħam (jew mili) iffriżat tal- <i>haddock, saithe, hake</i> , bakkaljaw	mill-1.4.2009 sal-31.3.2010	1 290
			Mill-1.4.2010 sal-31.3.2011	1 290
	ex 0305 30	Flettijiet tal-merluzz immellaħ	Mill-1.4.2011 sal-31.3.2012	1 290
	ex 0305 62	Merluzz immellaħ sħiħ	mill-1.4.2012 sal-31.3.2013	1 290

<sup>(1)</sup> Il-kwantità globali annwali tkopri l-ispeċijiet kollha meħudin flimkien.